# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 916/21GG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs.**

**Av Dr Maria Karlsson u PL Marie Claire Bartolo nominati permezz ta' Digriet datat 11 ta' Frar, 2022 bhala Kuarturi deputati sabiex jirrapprezentaw tnejn u ghoxrin (skond digriet 17.11.22) depositant injot li ghandhom l-uzu esklussiv ta' Safe Deposit Lockers mal-HSBC Bank Malta p.l.c. jew is-successuri taghhom**

Illum 8 ta'Gunju 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat** tas-socjeta' **HSBC Bank Malta p.l.c. (minn issa "Bank Attur")**,ipprezentat quddiem din il-Qorti fil-15 ta'

Settembru[1], li permezz tiegħu l-Bank Attur ressaq is-segwenti premessi u talbiet :

1. Illi l-Bank attur, bħala parti mis-servizzi li joffri lill-klijenti tiegħu, kien joffri wkoll l-użu esklussiv ta' *Safe Deposit Lockers* li kienu jinsabu f' diversi fergħat tal-istess Bank, u li fihom il-klijenti setgħu jiddepożitaw oġġetti appartenenti lilhom versu l-korrispettiv ta' somma annwali;

2. Illi l-kaxex jinfetħu b'żewġt iċwievet, li waħda minnhom tkun fil-pussess tal-Bank u l-oħra fil-pussess tal-klijent, u għalhekk il-Bank attur m'għandux aċċess għall-kontenut ta' dawn il-kaxxi ta' depositu u konsegwentement ma jkunx jaf x'fihom. U l-Bank attur ma jkunx jaf x'inhu l-kontenut ta' dawn il-kaxxi ta' depożitu;

3. Illi l-Bank illum m'għadux joffri dan is-servizz għal klijenti ġodda, u qiegħed anki jwaqqaf is-servizz fil-konfront tal-klijenti li sallum kellhom l-użu ta' dawn il-kaxxi ta' depożitu. Dan minħabba li l-Bank, bħala istituzzjoni finanzjarja liċenzjata u irregolata taħt disposizzjonijiet legali u obbligi u responsabbilitajiet stringenti, partikolarment fejn tidħol il-liġi kontra l-*money laundering*, ma jħossx li għandu jżomm aktar oġġetti appartenenti lil terzi mingħajr ma jkunx jaf x'inhuma dawn l-oġġetti, fejn hemm possibiltà li tali oġġetti jistgħu ikunu oġġetti relatati ma xi attività kriminali, u dan nonostante li r-responsabilità għal dawn l-oġġetti tibqa' dejjem tad-depositant;

[1] Fol. 1 sa 5

4. Illi l-Bank sallum irnexxielu jittermina dan is-servizz mal-maġġor parti tal-klijenti, iżda madankollu fadallu numru ta' Safe Deposit Lockers, u cioe tnejn u għoxrin minnhom, li ghadhom ma nghalqux, minkejja l-fatt illi m'għadux isir il-ħlas annwali għall-użu tagħhom u minkejja l-fatt illi l-Bank, stante t-trapass ta' żmien ma għadx għandu dettalji dwar il-persuni li kienu jagħmlu użu minnhom;

5. Illi dawn il-Lockers jirreferu ghal dawk sitwati ġewwa l-fergħa fi Swieqi (ġja St Andrews) numerati 18, 73, 132, 1107, 1109, 1546, 1889, 1962, 2235, 2291, 2299, 2461, 2477, 2676 u 2678, kif ukoll dawk sitwati ġewwa l-fergħa tas-Sliema bin-numru 526, ġewwa l-fergħa f'Birkirkara bin-numri 18, 414, 1271, 1312, 1361 u 1362;

6. Illi l-Bank għamel diversi tentattivi sabiex jipprova jiddentifika d-depositanti in kwistjoni imma mingħajr suċċess;

7. Illi l-Bank attur huwa dispost li jibqa' jżomm dawn is-Safe Deposit Lockers bil-kontenut tagħhom, kif del resto huwa marbut li jagħmel bil-liġi, sakemm jiġi mitlub irodd l-oġġetti hemm depożitati minn dak li jkun fdaħ l-oġġetti, jew minn dak li fl-isem tiegħu jkun sar id-depożitu, jew mill-persuna li tkun ġiet maħtura biex tirċievi lura l-ħaġa, kif trid il-liġi, biex b'hekk iżomm fermi l-obbligi tiegħu versu d-depositanti u ma jesponix ruħu għal xi eventwali azzjoni għad-danni mid-depositanti;.

8. Illi però, sabiex jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabbilta' legali u regolatorja tiegħu, huwa jixtieq li jiġi awtorizżat li jiftaħ l-istess Safe Deposit Lockers sabiex isir inventarju tal-oġġetti li jinsabu fihom qabel jerġgħu jiġu siġillati, biex b'hekk ikun jista' jaċċerta ruħu

li ma hemm ebda oġġett li jista' jkun illegali jew b'xi mod marbut ma xi attività kriminali, f'liema każ tali oġġetti jkunu jistgħu jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet kompetenti għal kwalunkwe azzjoni neċessarja skont il-liġi;

9. Illi stante illi l-utenti tal-istess *safe deposit lockers* ma setgħux jiġu identifikati u mitluba jagħtu l-kunsens tagħhom, il-Bank ma jistax jaqbad u jiftaħ l-istess *lockers* mingħajr awtorizżazzjoni mill-Qorti;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

**Għaldaqstant,** il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(1)Tawtorizza lill-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. sabiex jifthu tlieta u ghoxrin Safe Deposit Lockers hawn fuq citati, li taghhom ghandhom l-uzu esklusiv depositanti injoti, fil-presenza tal-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-istess depositanti injoti jew lis-successuri taghhom.

(2)Tordna li jsir inventarju tal-kontenut tal-istess Safe Deposit Lockers, okkorrendo bil-ħatra ta' Marixxall tal-Qorti jew persuna oħra li jidhrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti sabiex minnu/minnha, u/jew fil-preżenza tiegħu/tagħha isir l-istess inventarju, kopja ta' liema għandha tiġi inkluża fl-atti ta' din il-kawża.

Tappunta jum u ħin sabiex isir il-ftuħ ta' dawn is-Safe Deposit Lockers u l-inventarju tal-kontenut tagħhom kif fuq spjegat."

Rat id-digriet[2] ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, moghti fil-11 ta' Frar 2022 li permezz tieghu nnominat lill-Avukat Dr Maria Karlsson u lill-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bhala kuraturi (**"Kuraturi Deputati"**) sabiex jidhru ghall-konvenuti mhux maghrufa.

Rat ir-Risposta Guramentata pprezentata fil-5 ta' April 2022[3] mill-Kuraturi Deputati fl-interess tal-konvenuti mhux maghrufa, li permezz taghha eccepew li :

"Illi hija giet mahtura bhala kuratur deputat flimkien mall-prokuratur legali Marie Claire Bartolo b'digiret tal-11 ta' Frar, 2022 sabiex jirraprezentaw lil sbatax-il depsotant injot li ghandhom l-uzu esklussiv ta' ' *safe deposit lockers'* mall-HSBC Bank Malta Plc jew is-successuri taghhom.

Illi il-konvenuti *nomine* jaqblu li l-flus u / jew oggetti li jinsabu f'dawn is-sbatx-il *safety deposit lockers* ghandhom jibqghu separatement that il-kustodja tal-Bank.

Illi dawn l-istess *safety lockers* ghandhom jinfethu <u>quddiem</u> il-kuraturi deputati u jekk ikun il-kaz b'ordni tal-Onorabbli Qorti jinhatru l-esperti.

[2] Fol. 13; ara talba, fol. 24
[3] Fol. 36

Illi fi kwalunkwe' kaz l-istess bank ghandu jibqa' garanti wara li ssir il-valutazzjoni u deskrizzjoni tal-kontenut, w l-valutazzjoni ghandha ssir b'esperti mahtura apposta.

Illi l-Bank zgur jaf lil min jappartjenu dawn il-kaxxi u ghandu jigi ordnat minn din l-onorabbli Qorti jinforma lill-istess kuraturi bl-ismijiet u indirizzi.

Illi l-kuraturi deputati m'humiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant jirriservaw d-dritt li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, moghti fis-17 ta' Novembru 2022[4], li permezz tieghu laqghet it-talba tal-Bank Attur ghal korrezzjonijiet fl-att promotur, fis-sens li l-*lockers* mertu tal-azzjoni inbidlu ghal dawk numerati 8, 132, 1107, 1109, 1546, 1868, 1889, 1962, 2235, 2291, 2299, 2461, 2477, 2676 u 3678 fil-fergha tal-Bank Attur tas-Swieqi; dak numerat 526 fil-fergha tal-Bank Attur f'Ta' Sliema; u dawk numerati 18, 414, 1271, 1312 u 1362 fil-fergha tal-Bank Attur ta' Birkirkara, u ghalhekk komplessivament tnejn u ghoxrin *locker*, u mhux sbatax kif originarjament dikjarat mill-Bank Attur.

[4] Fol. 47

Rat ukoll id-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2023 li permezz tieghu, wara talba ohra tal-istess Bank Attur ghall-korrezzjoni fl-att promotur laqghet l-istess sabiex il-premessa numru hames (5) gia emendata bid-digriet appena imemmi, issir taqra hekk : " *Illi dawn il-Lockers jirreferu ghal dawk sitwati gewwa l-fergha fi Swieqi (gja St Andrews) numerati 8, 73, 132, 1107, 1109, 1546, 1868, 1889,1962, 2235, 2291, 2299, 2461, 2477, 2676 u 2678, kif ukoll dak sitwat gewwa l-fergha tas-Sliema bin-numru 526, u dawk gewwa l-fergha f'Birkirkara bin-numru 18, 414, 1271, 1312, 1361 u 1362"* kif ukoll li *"Kull referenza ghan-numru 'tnejn u ghoxrin' fir-Rikors Guramentat debitament korrett, inkluz fl-okkju u fit-talbiet, inkluz kull att iehor sussegwenti, jigi sostwit bil-kliem 'tlieta u ghoxrin', u dan biex jirrifletti n-numru ta' kaxex mertu talkawza" u dan wara li rrizulta lill-Bank Attur kaxxa ohra mhix precedentement indikata.*

Rat il-provi tal-Bank Attur konsistenti fl-affidavit ta' Marisa Camilleri[5] , liema xhud ma kienitx kontro-ezaminata.

Rat li l-kuraturi deputati ma ressqux provi.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2023, il-Kuraturi Deputati talbu li, f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-istess Kuraturi Deputati ghandhom ikunu prezenti b'ordni tal-Qorti ghall-ftuh tal-kaxxi mertu tal-kawza, u li l-kontenut tal-kaxxi ghandu jigi stmat minn perit mahtur mill-Qorti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-Sentenza, bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

[5] Fol. 50 et seq.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank Attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kuraturi Deputati;

**Ikkunsidrat :**

Illi din hija kawza li permezz taghha l-Bank Attur qed jitlob gudizzju minn din il-Qorti b'awtorita' li jiftah *safe deposit lockers* mizmuma minnu b'relazzjoni kuntrattwali ma' terzi klijenti tieghu, u fl-interess ta' dawn it-terzi, u dan sabiex jkun elenkat in-natura u l-konsistenza tal-kontenut taghhom, u b'hekk il-Bank Attur ikun jista' jottempora ruhu ma' obbligi ta' natura pubblika li ghandu in konnessjoni mal-prevenzjoni tar-reati konnessi mal-hasil ta' flus.

Sfortunatament, ghalkemm il-Kuraturi Deputati, fir-Risposta taghhom, talbu lill-Bank Attur jipprezenta l-aktar dettalji ricenti li ghandu dwar it-terzi li kien ikkuntratta maghhom is-servizz taz-zamma tas-*safe deposit lockers*, mill-atti ma jirrizultax li dawn id-dettalji inghataw, u lanqas li lahqu nghataw lill-Kuraturi Deputati. Ma jirrizultax mill-atti li l-kuraturi deputati filfatt ghamlu kuntatt ma' dawn it-terzi dovut ghan-nuqqas ta' dettalji ghad-disposizzjoni taghhom.

Ix-xhud Marisa Camilleri, *Distribution Support Area Manager* fi hdan il-Bank Attur, spjegat li dan kien precedentement joffri servizz ta' *safe deposit boxes* bi hlas lill-klijenti tieghu. Il-kontenut tal-*lockers* kien

jikkontrollah wahdu l-klijent, pero' biex jinfetah il-*locker* ried jattendi rapprezentant tal-Bank Attur, ghaliex wahda miz-zewgt icwievet tibqa' fil-pussess tal-Bank. L-ohra tkun biss fil-pussess tal-klijent. Il-klijent ihallas mizata kull sena ta' dan is-servizz. Is-servizz il-Bank Attur itterminah b'effett minn April 2015, u l-klijenti ntalbu jirtiraw hwejjighom mill-kaxxi. Hija taghti x'tifhem li l-kaxxi mertu tal-kawza ma nstabux dokumenti dwarhom, u ghalhekk mhix maghrufa l-identita' tal-klijent li kien ikkuntratta s-servizz dwarhom mal-Bank Attur. Ix-xhud pprezentat *specimen* tal-kundizzjonijiet li kien jaghti l-Bank Attur ghal kuntratti bhal dawn mal-klijenti, u spjegat ukoll ir-raguni ghalxhiex il-Bank Attur kien iddecieda li jwaqqaf dan is-servizz, u ghalxhiex jehtieg illum li dawn il-kaxxi jinfethu u l-kontenut taghhom, li effettivament qed izomm il-Bank Attur fil-pussess tieghu, jigi verifikat.

Din il-posizzjoni ta' fatt ma kienet kontestata bl-ebda mod mill-Kuraturi Deputati, li talbu biss li, jekk din il-Qorti tawtorizza l-ftuh tal-kaxxi, dan isir fil-presenza taghhom, u jitqabbad espert li jistma l-valur tal-kontenut mobbli li jinstab fihom.

**Ikkunsidrat ukoll :**

Illi din il-Qorti tifhem lil-Bank Attur fid-decizjoni tieghu li jistabilixxi n-natura tal-mobbli li jista' jkun hemm f'dawn is-*safe deposit lockers* li ghandu fil-pussess tieghu, u li ghadu jzomm fl-interess u ghan-nom ta' terzi minghajr gharfien tan-natura tal-kontenut. L-izvilupp fl-ahhar snin tal-ligijiet dwar reati finanzjarji u fiskali, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni tal-hasil tal-flus, gieb fuq il-

Bank Attur oneri godda li jehtieguh jinvestiga transazzjonijiet u oggetti li jinghaddu lilu, u fejn mehtieg, anke jirrapportahom lill-Awtoritajiet.

Mill-banda 'l ohra, din il-Qorti ma tifhimx kif il-Bank Attur, ma zammx jew ma ghandux mezzi kif jasal ghad-dettalji tal-persuni li maghhom ikkuntratta dan is-servizz, meta l-istess kuntrattazzjoni ma kienitx terminata u r-relazzjoni baqghet legalment ghaddejja sal-lum. Certament, il-Bank Attur kellu obbligu fil-ligi li jibqa' jzomm dettalji shah tal-klijenti li maghhom ghazel li jibda, u jzomm, din ir-relazzjoni kummercjali, anke jekk dawn setghu kisru xi obbligi kuntrattwali taghhom, sakemm dik ir-relazzjoni tkun ghadha ma gietx fi tmiemha skond il-kuntratt jew il-ligi.

Jissokta jinghad illi r-relazzjoni bejn il-Bank Attur u l-klijenti tieghu f'dan il-qasam particulari ta' provvediment ta' *safe deposit boxes* hija wahda regolata fl-istitut ta' Depozitu fil-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta. Issa, tenut li l-Bank Attur ma ghandux dokumentazzjoni biex juri b'liema mod kienet regolata din ir-relazzjoni 'l hinn minn dak li ipprovdi l-istess Kapitolu, stante li d-dokument minnu esebit huwa biss ezemplari li mhux neccessarjament l-istess wiehed adoperat mad-depozitanti njoti, tajjeb li jkunu mistharrga dawk l-artikoli l-aktar relevanti ghal kaz in disamina. Certament l-ewwel artikoli li jisthoqqilhom li jkunu elenkat fil-kwistjoni odjerna huwa l-artikolu 1899 u 1900 (1) (b) li jipprovdu hekk:

> **1899**. Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu.

> **1900.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:-
>
> (b) meta jkun ftihem li ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depozitu

Gia mit-tifsira ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet jemergi l-oneru tal-Bank Attur mhux biss li jzomm kustodja akkurata tal-oggett depozitat izda ukoll ta' kull haga li ssawwar dik ir-relazzjoni u certament fil-kaz odjern li jzomm dik id-dokumentazzjoni li tiswa biex tidentifika liema *safe deposit box* tappartjeni lil minn fost il-klijenti tieghu. Haga din li dwarha *ex admissis* ippekka l-istess Bank Attur.

Jissokta jinghad illi l-artikolu 1903 imbaghad iqieghed fid-dubju kemm il-Bank Attur jista' legalment jipproponi dak minnu mitlub fit-talbiet tieghu meta dan jipprovdi:

> **1903.** Hu m'ghandux ifittex x'inhuma l-hwejjeg iddepozitati, meta jkunu gew fdati lilu f'kaxxa maghluqa jew misrura u ssigillati.

Il-Qorti ttendi taghti tifsira ristrettiva ta' dan l-ahhar provvediment b'mod allura li tqis dan l-obbligu bhala wiehed ineccepibbli ghajr fejn il-ligi trid mod iehor. Issa l-Bank Attur qieghed jitlob dan ir-rimedju sia ghaliex ma jafx lil min jappartjenu dawn is-*safe deposit boxes* kif ukoll ghaliex irid ikun adempjenti mal-ligijiet finanzjarji. Minkejja dan, l-Bank Attur ma jghidx liema ligi hekk tobbligah b'mod allura li din il-Qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dik

il-ligi ossia provvediment specjali ghandu jirkeb fuq l-obbligu generali kif ravvizat fl-artikoli appena citati.

Il-Bank Attur lanqas ma jista' jikkonferma li l-*ispecimen* tal-kuntratt minnu esebit huwa l-istess li jirregola r-relazzjoni ta' bejnu u l-klijenti njoti. Li kien hekk ma kienitx tkun mehtiega din il-kawza ghaliex f'dak il-kuntratt hemm elenkat id-doveri u d-drittijiet tal-Bank Attur f'kaz ta' morozita' tal-hlas jew ksur tal-kundizjonijiet kif ravvizat fil-klawsola numru 10 tal-kuntratt. Ghalhekk ma ghandux issa l-Bank Attur jistenna l-intervent tal-Qorti ghan-nuqqasijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi, t-talbiet tal-Bank Attur qed ikunu michuda bl-ispejjez kontra tieghu

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

---

**Nicole Cini**

**Ghad-Deputat Reġistratur**